MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1209/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Osama Ebeid**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm336.97) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 580917 (skond kif jirrizulta mill-statement Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat f'Dolphin Court, Flat 3, Triq Giuseppe Despott, Qawra, St. Paul's Bay u dana skond ma kif jidher mis-'service agreement' Dok B anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u

bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-istess konvenut prezentata fit-3 ta' Frar 2004 u li biha ammetta t-talba attrici (fol 34 tal-atti).

Rat in-nota tas-socjeta attrici presentata illum stess 'seduta stante' u li biha s-socjeta attrici cediet l-atti tal-kawza in rigward il-meritu izda zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjes.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' din il-kawza tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta attrici l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------